# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Nru 1716

Kaz Nru. 2336CD

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Ahmed El Mehdy (ID 458596 M)

u

Public Transport Association

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

Illum l-Erbgha 27 ta' Settembru 2006

**Chairman: Is-Sur Carmel Debono**

**Introduzzjoni.**

Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet irriferita lit-Tribunal Industrijali b' dikjarazzjoni fir-Registru tal-Qrati Superjuri datata 7 ta' Dicembru 2005 biex tigi pprocessata mit-Tribunal Industrijali skond it-termini ta' l-Att XXII tas-sena 2002 dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

It-Tribunal zamm sitt (6) seduti.

L-appellant is-Sur Ahmed El Mehdy kien assistit mill-Avv Dr Ian J. Stafrace LL.D. u l-assocjazzjoni intimata kienet rapprezentata mis-Sur Victor Spiteri, President assistit mill-konsulent fuq kwistjonijiet Industrijali s-Sur Anthony DeGiovanni.

**Xhieda**

Tul is-smiegh tal-kaz xehedu s-segwenti individwi:

| | |
|---|---|
| l-appellant | Ahmed El Mehdy |
| Victor Spiteri | President ta' l-Assocjazzjoni |
| Andrew Spiteri | jiehu hsieb il-pagi u l-files ta' l-*Inspectors* |
| Emanuel D'Amato | Segretarju u *Route Manager* |
| Anthony DeGiovanni | Konsulent fuq kwistjonijiet industrijali |
| Denise Formosa Gruppetta | Rapprezentanta tal-Vodafone |
| Mohammed Ahmed El Mehdy | iben l-appellant |

**3. Dokumenti**

Tul is-smiegh tal-kwistjoni gew esebiti u pprezentati diversi dokumenti.

**4. Kunsiderazzjonijiet**

Il-kaz jikkoncerna tkeccija mix-xoghol minhabba assenza twila ferm izjed minn dak approvat f'zewg okkazjonijiet minghajr l-ebda attentat biex l-appellant jitlob jew jinforma lill-*employer* ghal zieda fil-*leave*. Il-kaz kien wiehed semplici izda safa komplikat b'elementi medici li rrendew l-konsiderazzjoni u d-decizjoni ferm difficili. Ma hemm l-ebda diffikulta dwar nuqqas li l-appellant naqas fid-durazzjoni tal-*leave* mitlub u skadieh konsiderevolment izda bl-inkluzzjoni ta' l-elementi medici. Fit-tieni okkazjoni, l-kaz ikkomplika ruhu. Dan it-Tribunal sema u kkunsidra sewwa fil-limitazzjoni tieghu professjonali medika izda ma jistax jghaddi gudizzju dwar l-elegibilita ta' l-argumenti pprezentati pero xorta jista jghaddi gudizzju dwar jekk kienux ta' valur fil-kuntest generali. Meta skada l-*leave* f'Mejju 2004 ma hemm l-ebda dubbju u ntqal li gie imwiddeb bil-fomm ghal dan in-nuqqas izda fit-tieni okkazzjoni fil-2005 l-appellant li skada l-*leave* mghoti lilu

b'il fuq minn 100 tijiem. L-appellant iddikjara li fizikament ma setax jirritorna ghax-xoghol minhabba l-kundizzjoni ta' saqajh u barra li pproduca certifikati u *X-ray* mediku li gew kkontestati mill-assocjazzjoni. Sostna li pprova jinforma lit-Transport Association li ma setax jirraporta ghax-xoghol minhabba f'hekk. Minghajr l-ebda certezza jidher mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Vodafone jidher probabbli li kien hemm tlett telefonati fil-bidu ta' Mejju minn barra lill-*Mobile No.*99883769 propjeta tas-Sur D'Amato, Manager ta' l-Assocjazzjoni li ma gewx irrisponduti. Barra minn hekk jidher ukoll li s-Sur D'Amato kien ikkonkluda li l-appellant ma kienx sejjer jirritorna ghax-xoghol minn rimarka li kien ghamillu huh Joseph li jahdem ma' l-Assocjazzjoni.

F'dan il-kwadru minghajr ma t-Tribunal jesprimi ruhu dwar il-validita tac-certifikati medici, irid izda jirrimarka li in fondo kienet tezisti kundizzjoni medika; ma jistax jidhol fil-meritu jekk kinitx wahda ta' certa gravita jew inkapacita.

Jidher ukoll li din ma kinitx kontestata jekk u kemm kellhom bzonnu l-familjari ta' l-appellant zgur izda li meta talab il-*leave* kellu bzonnu. Wiehed jista jifhem li f'cirkostanzi bhal dawn bil-familja barra minn Malta kienet difficli li wiehed jikkonkludi l-bzonn u d-durazjoni tieghu ghand il-familjari tieghu.

F'cirkostanzi bhal dawn wiehed irid itihom kunsiderazzjoni izda zgur ma jidhirx li l-appellant kellu xi hsieb li jitlaq ix-xoghol li kellu. Huwa veru li l-Assocjazzjoni kienet simpatetika ghall-pozizzjoni difficili ta' l-appellant u wiehed jjfhem il-bzonn li zzomm ir-regoli ta' l-impjegati biex tmexxi d-doveri taghha. F'dan il-kwadru t-Tribunal innota li anke fic-certifikat tat-terminazzjoni tax-xoghol kienet lenjanti u kienet diskreta fir-raguni tat-temm ta' l-impieg, izda issa li l-ohrajn spiccaw mill-impieg fl-istess data veru f'cirkostanzi differenti minn dawk ta' l-appellant, regghu gew impjegati mill-Assocjazzjoni, it-Tribunal japprezza li l-appellant nghata l-opportunita li ma jkunx mfixkel li jsib xoghol.

Huwa veru li s-sid m'hux obbligat li jzomm l-impieg miftuh ghall-impjegat biex jirritorna meta jrid hu; wara kollox hemm ir-regoli li normalment ghandhom jigu osservati.

Izda veru wkoll li kull regola ghandha l-eccezzjoni, jekk u meta c-cirkostanzi jiddomandaw li r-regoli jitwarbu.

Minn dak li sema, t-Tribunal jidhirlu li f'dan il-kaz, ic-cirkostanzi kienu tali li l-appellant kellu jinghata l-beneficcju tad-dubbju meta wiehed iqis l-komplikazzjonijiet medikali u familjari. Il-fatt li l-kaz precedenti ta' assenza twila minghajr awtorizazzjoni ma ghandux iffisser li l-kaz odjern huwa repetizzjoni flagranti ta' l-istess offiza.

**Decizjoni**

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-istatements of case tal-partijiet, ra u kkunsidra d-dokumenti pprezentati, sema' u evalwa x-xhieda mghotija, ra, sema' u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet, issib li ghalkemm l-appellant qabes il-*leave* nghoti lilu konsiderevolment skada, jidher li ghamel attentat biex jinforma l-Assocjazzjoni li ma setax jirritorna ghax-xoghol u ghalhekk it-Tribunal hu sodisfatt li ma naqasx f'dan ir-rigward u kwindi t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu kienet iebsa u per se ingusta, dejjem fid-dawl tac-cirkostanzi citati fil-kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal.

F'dawn ic-cirkostanzi, t-Tribunal Industrijali jordna li l-appellant ghandu jerga jigi mpjegat ma' l-Assocjazzjoni, mhux necessarjament fil-grad li kien, fi zmien gimghatejn minn din id-data ta' l-"award".

Ghall-finijiet ta' drittijiet li jithallsu t-Tribunal Industrijali qieghed jiffissa dawn fis-somma ta' erbghin Liri Maltin (Lm40) lil kull wiehed mid-difensuri li assistew lill-partijiet.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

-------------------------

Carmel Debono

Chairman